## It-Tieni Stazzjon Id-Dixxipli Jsibu il-Qabar Vojt



*(Mill-Evanġelju ta' San Ġwann 20: 1 – 9)*
*Kien il-Ħadd, l-ewwel jum tal-ġimgħa, fil-għodu kmieni kif kien għadu d-dlam, u Marija ta' Magdala ġiet ħdejn il-qabar u rat il-blata mneħħija mill-qabar. Għalhekk telqet tiġri għand Xmun Pietru u għand id-dixxiplu l-ieħor li kien iħobb Ġesù, u qaltilhom: "Qalgħu l-Mulej mill-qabar, u ma nafux fejn qegħduh!" Pietru u d-dixxiplu l-ieħor ħarġu u ġew ħdejn il-qabar. It-tnejn ġrew flimkien, imma d-dixxiplu l-ieħor ħaffef aktar minn Pietru u laħaq qablu ħdejn il-qabar. Tbaxxa, u ra l-faxex ta' l-għażel imqiegħda hemm, iżda ma daħalx. Imbagħad wasal warajh Xmun Pietru, daħal fil-qabar, u ra l-faxex ta' l-għażel imqiegħda hemm, u l-maktur li kien madwar rasu; dan ma kienx mal-faxex, imma mitwi u mqiegħed għalih. Imbagħad id-dixxiplu l-ieħor, li kien wasal l-ewwel ħdejn il-qabar, daħal hu wkoll, ra, u emmen. Sa dak in-nhar kienu għadhom ma fehmux l-Iskrittura li tgħid li kellu jqum mill-imwiet.*

**Id-Dixxipli jsibu l-Qabar Vojt (il-versi maħduma minn Paul Callus)**

Filgħodu kmieni jum il-Ħadd
Kien għad hemm dalma kullimkien
Il-lejl kien għoddu ġie bil-mod fi tmiemu.
Minn qalb is-skiet u d-dellijiet
Ta' Magdala Marija ġiet
Sabiex iżżur il-qabar tal-Imgħallem. **Rat il-blata, Imneħħija x 2**

Hi telqet minn hemmhekk u ġriet
Mingħajr ma waqfet biex tistrieħ
Sa waslet għand Xmun Pietru u d-dixxiplu
U b'nifs maqtugħ qaltilhom x'rat
Ġesù ħaduh, għalkemm indukrat
Tgħid fejn qegħduh, jaħasra! X'ġara minnu! **Qalb imnikkta, Qalb mifnija x2**

Ħaffew il-pass bla ma ħlew ħin
Il-faxex sabu fl-art qegħdin
U anke il-maktur ta' madwar rasu;
Dan mitwi kien, poġġut għalih
Il-qabar dak li raw ġo fih...
Il-ġisem tal-Mulej kien għeb għal kollox. **Issa emmnu, Issa emmnu x2**

Il-moħħ imdallam, bejn ħaltejn
Sa dak inhar ma fehmu xejn
Mill-kitba dwar dan kollu fl-Iskrittura
Li Bin il-bniedem kellu jqum
Minn bejn l-imwiet wara t-tielet jum
U jirbaħ fuq il-mewt kif kien imwiegħed. **Hallelujah, Hallelujah xxxx…..**

paul callus ~ 09/04/2016